*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrent

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Diesel SpA

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* it-trade marks verbali Komunitarji u Internazzjonali "DIESEL" għal prodotti fil-klassijiet 3, 9, 14, 16, 18, 24 u 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— il-fatt li naqas milli jipprovdi lir-rikorrent is-CD li jikkontjeni l-fatturi

— il-fatt li naqas milli jissospendi l-proċeduri

— ir-rikorrent huwa proprjetarju tat-trade mark Spanjola Nru 2 585 042 "S.D.D. SUPER DIESEL DAIREK"

— il-prova l-oħra tal-użu mressqa mill-applikant li ressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma hijiex suffiċjenti;

— id-differenzi bejn is-sinjali

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2014 – Davó Lledó vs UASI – Administradora y Franquicias América u Inversiones Ged (DoggiS)**

**(Kawża T-335/14)**

(2014/C 253/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* José-Manuel Davó Lledó (Cartagena, Spanja) (rappreżentant: J. V. Gil Martí, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Administradora y Franquicias América, SA u Inversiones Ged Ltda (Santiago de Chile, iċ-Ċili)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-13 ta' Marzu 2014 fil-Każ R 824/2013-1, u għaldaqstant tikkonferma d-deċiżjoni inizjali tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, tat-18 ta' Lulju 2013, li tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa minn Administratoras y Franquicias América, SA u minn Interversiones Ged Ltda fir-rigward tat-trade mark Komunitarja Nru 8 894 826 "DoggiS" u li tikkundanna lil dawn tal-aħħar jikkonformaw ruħhom ma' tali dikjarazzjoni bl-effetti kollha inerenti tagħha, u tikkundanna espressament lill-konvenut u lill-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* trade mark figurattiva bl-element verbali "DoggiS" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 30 u 43 – Trade mark Komunitarja Nru 8 894 826

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrent

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Administradora y Franquicias América, SA u Inversiones Ged Ltda

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* l-applikazzjoni għal trade mark saret b'*mala fides*

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ, bl-annullament totali kemm tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni kif ukoll tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja kkontestata

*Motivi invokati:*

— Ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2014 – Kurchenko vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-339/14)**

(2014/C 253/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Serhiy Vitaliyovych Kurchenko (Chuhuiv, l-Ukraina) (rappreżentanti: B. Kennelly u J. Pobjoy, Barristers, M. Drury u A. Swan, Solicitors)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1), sa fejn dawn japplikaw għar-rikorrent; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż tar-rikorrent.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv jallega li l-Kunsill naqas milli jidentifika bażi legali xierqa. L-Artikolu 29 TUE ma kienx bażi legali xierqa għad-deċiżjoni peress li l-ilment magħmul kontra r-rikorrent ma identifikahx bħala individwu li mmina l-istat tad-dritt jew id-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna (fi ħdan it-tifsira tal-Artikoli 21(2) u 23 TUE). Peress li d-deċiżjoni ma kinitx valida, il-Kunsill ma setax jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 215(2) TFUE sabiex jadotta r-Regolament. Fiż-żmien ta' meta l-miżuri restrittivi ġew imposti, ma kien hemm, fi kwalunkwe ġurisdizzjoni, ebda akkuża jew pretensjoni kontra r-rikorrent li l-attivitajiet tiegħu kienu ta' theddida li jistgħu jimminaw l-istat tad-dritt, jew kisru xi drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina.

2. It-tieni motiv jallega li l-Kunsill naqas milli jissodisfa l-kriterju għall-inklużjoni, jiġifieri li l-persuna ġiet "identifikata bħala responsabbli" għal misappropprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina jew għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina, jew hija persuna assoċjata ma' xi ħadd li ġie identifikat bħala tali. L-unika raġuni mogħtija għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista kienet li huwa kien allegatament suġġett għal "investigazzjoni" fl-Ukraina għal involviment f'delitti relatati mal-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u mat-trasferiment illegali tagħhom barra mill-Ukraina. Għaldaqstant, lanqas ma hemm allegazzjoni (b'applikazzjoni tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-256/11, Ezz) li r-rikorrent kien persuna responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina jew għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, jew li kien assoċjat ma' persuna identifikata bħala tali.